# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2563

**Kaz Numru: 3550/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Paul Lia (K.I. numru 135370M)**

**u**

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 28 ta' Novembru, 2018**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Paul Lia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-28 t'April, 2017, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret b'mod ingust u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impjieg saret ghal raguni gusta u sufficjenti ai termini tal-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm seba' (7) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali ta' l-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi kemm minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Paul Lia li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr. Andrew Grima.

Malta Public Transport Services (Operations) Limited, li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Roderick Bajada assistit minn Dr. Thomas Bugeja.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ngaggat mas-socjeta' ntimata bhala *Bus Station Inspector*, nhar l-1 t'Ottubru, 2011.

Nhar is-6 t'Ottubru, 2016, huwa kien ircieva *Charge Letter*, li fiha kien qieghed jigi mixli li gurnata qabel waqt li kien xoghol u cjoe fit-20.00 kien ikkonsma l-birra fi kjosk, u li minkejja li kien inghata struzzjonijiet sabiex imur fuq xogholu baqa' jixrob il-birra sal-22.30. Tali ittra kienet inharget wara li Franco Caruana fil-kapacita tieghu ta' *Bus Station Manager*, kien ghamel rapport dwaru, u li a bazi tieghu l-Appellant kien qed jigi mixli bl-akkuzi.

In segwitu ta' dan u fl-ambitu ta' mizuri dixxiplinarji, nhar is-16 ta' Novembru, 2016, il-kaz tieghu kien gie trattat quddiem Bord ta' Dixxiplina, li kien sabu hati.

Nhar is-6 ta' Jannar, 2017, l-Appellant kien gie nfurmat li b'rizultat tal-proceduri dixxilpinarji, l-impjieg tieghu kien ser ikun mitmum b'effett immedjat.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Roderick Bajada** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *HR Director* mas-socjeta' ntimata u ilu f'din il-kariga sa minn Marzu 2015. Ix-xhud qal li l-Appellant huwa mpjegat bhala *Bus Station Inspector* u ilu sa minn Ottubru 2011 meta l-kumpanija kienet ta' l-Arriva. Wara x-xhud ghadda sabiex jaghti rendikont dwar il-funzjoni ta' din il-posizzjoni u pprezenta kopja tal-*Job Description.*
Ix-xhud qal li fil-5 t'Ottubru, 2016, kien dahal rapport mid-*Depo*t ta' Valletta, fejn l-Appellant kien stazzjonat u dan sar minn Frans Caruana mpjegat iehor tal-kumpanija.
Ix-xhud spjega li dan ir-rapport kien jghid li dakinhar, bejn it-20.00 u 20.30, Lia kien qed jixrob il-birra f'wiehed mill-*kiosks* fid-dintorn. Huwa kompla li l-ghada u cjoe fis-6 t'Ottubru, 2016, inharget *charge letter for misconduct* fil-konfront tal-Appellant, li kienet tindikalu li kien ser ikun hemm *disciplinary hearing*.
Ix-xhud spjega li l-process ta' dixxiplina pproceda quddiem Bord ta' Dixxiplina kostitwit skond kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv, u li bhala *Chairman* kellu lis-Sur Franco Masini u dan sar fis-16 ta' Novembru, 2016. Ix-xhud kompla li f'dak il-Bord, l-Appellant kien qal li kien qed jixrob kafe', u li l-Bord kien sabu hati.
Ix-xhud qal li l-Bord ma kienx jidhol fil-penali. Huwa qal li biex wasal ghad-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant, wara li qara r-rapport finali tal-Bord, kien ha in konsiderazzjoni li precedentament kellu rapporti ohra bil-fomm li Lia gieli kien ikun innutat jixrob f'dawn il-*kiosks.*
Ix-xhud qal li l-*letter of termination* kien hariga fis-6 ta' Jannar, 2017, u li tali kaz kien iddiskutih mas-*Services Director* Ms. Amaya La Rea. Huwa qal li dwar din id-decizjoni

kien gie pprezentat appell mill-UHM ghan-nom ta' Lia, kif jaghti dritt il-Ftehim Kollettiv, fejn pero' d-decizjoni giet ikkonfermata.
Ix-xhud tenna li l-unika prova li kien hemm fil-konfront ta' Lia kienet it-testimonjanza ta' l-impjegat l-iehor Frans Caruana. Ix-xhud kompla li kien gie deciz li l-kaz jersaq quddiem Bord ta' Dixxiplina ghaliex '*drinking on the place of work*' skont il-Ftehim Kollettiv hija klassifikat bhala *Gross Misconduct.*
Ix-xhud spjega li fil-Ftehim Kollettiv hemm klawsola li taghti l-fakulta lill- kumpanija li taghmel *'random tests'*, fuq l-impjegati taghha dwar xorb t' alkohol jew uzu ta' droga waqt il-hin tax-xoghol. Dan it-test isir dejjem fuq xufiera li jkollhom xi ncident. Ix-xhud qal li tali testijiet jiehu hsiebhom il-*Health & Saftey Department* flimkien mad-*Depot Managers.*
Ix-xhud qal li dawn it-testijiet qabdu jsiru ricentament, xi sena ilu. Huwa qal li l-kaz ta' l-appellant gara qabel u ma kienx konxju jekk kienx sarlu tali test.
Mistoqsi jekk wara d-decizjoni li jintemm l-impjieg ta' l-appellant u s-sussegwenti appell li kien sar f'ismu minn Kenneth Abela UHM kinitx intbghatet risposta, x-xhud qal li ma jiftakarx pero' qal li d-decizjoni tat-tkeccija kienet giet konfermata.

**Joseph Simiana** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Site Manager*. Huwa kompla li jaf lill-Appellant bhala kollega fuq ix-xoghol.

Kompla li fl-2011 l-Appellant kien stazzjonat fil-Marsa Park & Ride bhala *Inspector*, u fejn ftit taz-zmien wara kien talab sabiex ikun trasferit fil-venda tal-Belt bhala *Bus Station Inspector*.
Ix-xhud qal li fl-ahhar zminijiet qabel spicca mill-impjieg l-Appellant, kienu jigu fuqu persuni, l-aktar Franco Caruana (*Asst.Supervisor*) fejn kienu jinfurmawh li huwa (l-Appellant) kien ikun qieghed jixrob waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud stqarr li Caruana specifikament kien aktar minn darba jigbidlu bl-attenzjoni li l-Appellant kien jixrob il-birra waqt li kien ikun xoghol.
Ix-xhud kompla li darba kien sejjah lill-Appellant fl-ufficcju tieghu fejn kellmu dwar din l-affari. Ix-xhud qal li l-Appellant kien qallu li huwa kien jixrob il-birra izda dan kien jaghmlu wara l-hin tax-xoghol. Ix-xhud qal li l-Appellant kien jibqa' jixrob fuq il-lant tax-xoghol sat-20.00/21.00 wara l-hin tax-xoghol u cjoe' wara s-14.30. Ix-xhud sahaq li dan l-atteggjament min- naha ta' l-Appellant u cjoe' li jixrob il-birra waqt u wara l-hin tax-xoghol kompla minkejja li kien kellmu. Huwa zied li dwar dan kien anke rcieva rapport bil-miktub minghand Franco Caruana, li kien jindika li nhar il-5 t'Ottubru, 2016, kien ra lil-Lia jixrob il-birra f'wiehed mill-kiosks li hemm fil-venda tal-Belt u li kien intalab minnu (minn Caruana) sabiex jirritorna fuq xogholu. Fir-rapport Caruana kien qal li Lia kien injora l-istruzzjonijiet li kien tah u kompla jixrob fil-kiosk sal-22.30.
Fir-rigward ta' xorb fuq il-post tax-xoghol, ix-xhud qal li l-kumpanija thaddan policy ta' '*zero tollerance'*, u li f'kazi bhal dawn l-impjegat koncernat jinhariglu *charge* fejn ikun mixli bi *gross misconduct*, kif fil-fatt gara fil-kaz ittrattat, kompla x-xhud. F'dan il-kuntest ix-xhud qara c-*charge* li kien hareg fil-konfront ta' l-Appellant Lia.
Ix-xhud wara spjega li l-kaz ta' l-Appellant kien ittrattat minn Bord ta' Dixxiplina li kien presedut minn Franco Masini u li waqt it-trattazzjoni tal-kaz l-Appellant kien assistit minn Ufficjali tal-UHM Kenneth Abela u Joe Sghendo.
Ix-xhud qal li fil-Bord tad-Dixxiplina l-Appellant Lia darba kien qal li dakinhar li rah Caruana huwa kien qed jixrob il-kafe u aktar tard qal li kien xorb te. Ix-xhud kompla li fil-

Bord tad-Dixxiplina, Caruana permezz t'affidavit stqarr li kien ra lil-Lia jixrob il-birra, u mill-banda l-ohra Lia ukoll permezz t'affidavit insista li mhux birra kien xorob.
Ix-xhud qal li sa minn xi xahrejn qabel ir-rapport bil-miktub ta' Caruana huwa kien ircieva rapporti permezz ta' telefonati minn *drivers* u anke minn Caruana dwar li Lia kien jixrob waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud kompla li fir-rigward ta' dawn ir-rapporti huwa kien imur fuq il-lant tax-xoghol gewwa l-venda izda meta kien jasal kien isib lill-Appellant fuq xogholu.
Ix-xhud qal li f'dawn l-eventwalitajiet fejn huwa personali qatt ma sab lil-Lia jixrob waqt il-hin tax-xoghol, huwa kien hass li ma setax jipprocedi b'dixxiplina izda dan ghamlu appena rcieva rapport bil-miktub.

**Franco Caruana** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa ilu ngaggat f'dan il-post tax-xoghol 7 snin sa minn zmien l-Arriva u jokkupa l-kariga ta' *Bus Station Manager,* kariga li fil-funzjoni taghha taghmel supervizjoni fuq fost ohrajn fuq il-*Bus Station Inspectors* fosthom l-appellant Lia.
Huwa rrakkonta fid-dettall x'wassal sabiex nhar il-5/10/16 kien ghamel rapport bil-miktub fil-konfront ta' Lia. Huwa kompla li dakinhar Lia kien xoghol fuq l-ewwel hames *Bays*, u f'xi t-20.30 kien rah aktar l-isfel mil-lok propju fejn suppost kellu jkun u f'idu kellu tazza tal-birra. Ix-xhud kompla li kien tah struzzjonijiet sabiex jirritorna f'postu. Ix-xhud stqarr li ghal xi l-22.30 rega' ra li Lia ma kienx f'postu u magenb gabbana, u fejn f'idu kellu tazza tal-birra. F'dan l-istant ix-xhud tenna b'insistenza li fit-tazza trasparenti tal-hgieg, birra bir-rawgha kien fiha u mhux te' u dan jikkonfermah peress li kien ferm vicin tieghu. Huwa qal li wara dan l-incident huwa kien ghamel rapport li kien baghtu lill-*Manager* tieghu Joe Simiana. Ix-xhud stqarr li peress li Lia qatt ghajr dakinhar ma hadem fl-istess xift mieghu, qatt qabel ma kien gibed l-attenzjoni dwaru u l-anqas qatt ma ghamel rapporti la verbali u l-anqas bil-mikub.

**Paul Lia** l-Appellant beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa ilu jahdem mall-kumpamija fuq hames snin u nofs, fejn beda bhala *Driver Instructor* u wara ftit xhur inghata l-inkarigu ta' *Valletta Station Inspector*. Huwa ghadda sabiex jispjega f'certu dettall ix-xoghol ta' *Station Inspector*.
Ix-xhud wara ghadda jispjega x'gara nhar il-5/10/16, fejn huwa kien xoghol fuq ix-xift ta' bejn is-14.30 u 23.00. Huwa kompla li ghal xi 18.30 huwa kien ghadu kif ta' struzzjonijiet lil wiehed mid-*drivers* li kien biswit wahda mill-*kiosks* u dwar vjagg li kellu jaghmel, u huwa (l-Appellant) beda jiehu kafe' mill-istess *kiosk*.
Ix-xhud kompla li f'dak il-mument tfacca Franco Caruana fejn dan min-naha tieghu qallu x'kien qed jaghmel hemm u min-naha tieghu spjegalu li kien ghadu kif ta' struzzjonijiet lil wiehed mix-xufiera sabiex jaqbad jghabbi l-passiggieri. Ix-xhud qal li dan Caruana dak il-hin ma qallu xejn hlief sabiex imur f'postu, u dan minghajr ma ghamel referenza ghat-tazza tal-*jablo* li kellu f'idu. F'dan l-istant ix-xhud insista li f'idu tazza tal-*jablo* kellu u mhux wahda tal-hgieg kif xehed Caruana.
Ix-xhud kompla li wara li spicca x-xift, Franco Caruana ordnalu jtella' trakk li kien il-Belt u jiehdu d-Depot.
Ix-xhud qal li fis-16 ta' Novembru, 2016, kien deher quddiem Bord ta' Dixxiplina, bid-decizjoni tieghu tohrog fl-14 ta' Dicembru u l-impjieg tieghu gie mitmum b'effett mis-6 ta' Jannar, 2017.

Ix-xhud qal li Joe Simiana kien jghidlu li hemm xi rapporti fuqu u membri tal-kumpanija gieli kienu jigu u ghal gharrieda, fejn kienu jaghmlulu *breathalyzer test* pero' dejjem kien indikat bhala *zero alcohol.*
Ix-xhud tenna li huwa qatt ma kien inghata xi *warning* fuq l-ebda nuqqas.

**Kenneth Abela** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Employment Relations Manager UHM Voice of the Workers.* Ix-xhud qal li huwa kien gie mitlub mill-Appellant sabiex jassistih quddiem Bord ta' Dixxiplina fejn kien gie mixli li kien ikkonsma l-alkohol waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud qal li l-Appellant dejjem cahad dan, fil-waqt li l-kumpanija kellha prova wahda li kienet il-persuna li ghamlet ir-rapport. Huwa qal li waqt it-trattazzjoni c-*Chairperson* tal-Bord ta Dixxiplina kien talab kemm lil Lia u anke lill-persuna li kienet ghamlet ir-rapport sabiex jaghmlu l-verzjoni taghhom permezz t'affidavit u hekk sar. Ix-xhud qal li b'sorpriza ghalih ic-*Chairperson* kien iddecieda li jemmen lil min kien ghamel ir-rapport.
Ix-xhud sahaq li kieku riedet il-kumpanija seta' jkollha prova tangibbli ghaliex il-Ftehim Kollettiv jippermetti li jsir *test* ta' l-alkohol. Ix-xhud tenna li l-kumpanija hadet decizjoni li jintemm l-impjieg minghajr ma kellha prova skjaccanti li Lia verament kien ikkonsma l-alkohol.
Ix-xhud insista li filwaqt li dwar il-procedura tad-dixxiplina m'hemmx kontestazzjoni, qed ikun kontestat li ma ngibux provi.
Mistoqsi jekk waqt it-trattazzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, apparti x-xhieda ta' Lia nhassitx il-htiega li titressaq xi prova li setghet tikkonferma li huwa ma kienx qed jikkonsma alkohol, ix-xhud wiegeb li le ma nhassitx.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Thomas Bugeja** ghan-nom tas-socjeta' ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi qal illi dak li gara kien konfermat b'xhieda konsistenti min-naha tal-kumpanija, fejn huwa rrefera ghal dak li xehdu Simiana, Bajada u b'mod partikolari ghal dak li xehed Franco Caruana.
Dr. Bugeja qal ukoll li peres illi c-charge kontra l-Appellant kienet wahda ta' Gross Misconduct, il-kaz gie ttrattat minn Bord ta' Dixxiplina. Huwa spjega li meta iffaccjat b'zewg verzjonijiet kompletament kontrastanti bhal ma' sehh f'dawn il-proceduri bix-xhieda ta' Franco Caruana ghan-nom tal-kumpanija u tal-Appellant, gudikant kuntrarjament ghal-Qorti Kriminali, fi proceduri u sitwazzjonijiet simili l-piz tal-prova mhuwiex '*beyond reasonable doubt*', imma huwa '*on a balance of probabilities*'.
Dr. Bugeja qal li fl-opinjoni tieghu l-verzjoni tal-kumpanija hija dik li ghandha titwemmen. Huwa tenna li l-kumpanija ssosstni li ghandha *zero tolerance policy* fuq ix-xorb specjalment waqt il-hin tax-xoghol u kien propju ghalhekk illi din it-tkeccija saret ghal raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

**Dr. Andrew Grima** ghan-nom ta' l-Appellant beda l-argumenti tieghu billi ttratta s-sustanza tat-tlett xhieda li ressqet il-kumpanija. Dwar ix-xhieda ta' Bajada, Dr. Grima qal li dan kull ma xehed kienet dwar il-procedura adottata f'kaz li l-kumpanija tqisu bhala *Gross Misconduct* ghaliex dwar il-fatti ma kien jaf xejn. Dwar ix-xhieda ta' Simiana, Dr. Grima qal li dan irrefera ghal xi drabi li huwa kien kellem lill-Appellant dwar rapport li

kien dahallu ta' xorb waqt il-hin tax-xoghol. Pero' staqsa l-Avukat, jekk il-kumpanija dwar dan thaddem *zero tolerance policy* kif allura dwar dak li qal Simiana ma hemm xejn rekordjat?

Dwar ix-xhieda ta' Franco Caruana, Dr. Grima rega' staqsa ghaliex wara li qed jghid li ra lill-Appellant ghal darba darbtejn jixrob fil-gabbana, bhala superjur tieghu ma ghamilx kuntatt dak il-hin stess ma' Simiana sabiex f'dak il-mument isirlu *breathalyser test* ?

Dr. Grima sahaq illi l-mod kif ipprocediet fir-rigward ta' dak li qal Caruana fil-konfront ta' l-Appellant mhux biss l-anqas lahaq il-*balance of probabilities* izda l-anqas kellha provi bizzejjed sabiex ikun hemm offiza.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan it-Tribunal xtarr bir-reqqa dovuta kull dettall li hareg waqt dan il-process u b'mod partikolari dawn il-punti:

- Franco Caruana (*Supervisor*) fix-xhieda tieghu qal li nhar il-5 t'Ottubru, 2016, fit-20.00 ra lill-Appellant jixrob il-birra hdejn kjosk u kompla jaghmel hekk sa l-22.30, u dakinhar stess ghamel rapport.

- L-Appellant fix-xhieda tieghu qal li dakinhar tal-5 t'Ottubru, 2016, l-istess is-Supervisor Caruana fi tmiem ix-xift (fil-23.00) ordnalu jsuq xarabank u jtellghu id-Depot.

- L-ghada u cjoe' fis-6 t'Ottubru nharget *charge letter* fil-konfront ta' l-Appellant fejn gie mixli bi *gross misconduct* a bazi tar-rapport ta' Caruana u fejn gie nformat li l-kaz kellu jkun ittrattat quddiem Bord ta' Dixxiplina.

- Bord ta' Dixxiplina tlaqqa nhar is-16 ta' Novembru, 2016, fejn dan sabu hati ta' dak li kien mixli bih u li tali decizjoni giet mghoddija lill- *Management* nhar l-14 ta' Dicembru, 2016. Ir-*remit* ta' dan il-Bord kien li jasal biss sas-sejbien o meno tal-htija, u ma jidholx x'kellu jkun il-kastig.

- Nhar is-6 ta' Jannar, 2017, l-Appellant rcieva *Letter of Dismissal* fejn gie mgharraf li l-impjieg tieghu kien qed jigi mitmum b'effett immedjat.

- Nhar id-9 ta' Jannnar, 2017, Kenneth Abela Ufficjal tal-UHM intavola appell ghan-nom ta' l-Appellant sabiex ikun hemm rikonsiderazzjoni tad-decizjoni li jintemm l-impjieg ta' l-Appellant.

- Il-kuntratt tax-xoghol li sar bejn l-Appellant u s-socjeta' ntimata datat 1 t'Ottubru, 2011, jirriserva d-dritt tal-kumpanija li '*randomly selects employees for drug or alcohol testing*'.

- Meta mistoqsi mit-Tribunal jekk qabel il-5 t'Ottubru, 2016, qattx ghamel xi rapport dwar l-Appellant, Franco Caruana wiegeb '...le, jien dan Pawlu Lia qatt ma jkun jahdem mieghi fl-istess xift'. U dan sostnieh billi qal li dan la qatt qalu b'mod verbali u l-anqas bil-miktub.

- Mentri fix-xhieda tieghu Jos. Simiana (Site Manager) qal li kien hemm drabi ohra qabel il-5 t'Ottubru, 2016, fejn Franco Caruana ghamel rapporti bil-fomm dwar li l-Appellant kien jikkonsma l-alkohol waqt il-hin tax-xoghol. Simiana ma' dan zied li in seguito ta' dawn ir-rapporti gieli ghamel spezzjonijiet fuq l-Appellant izda dejjem sabu fuq xogholu.

- Fix-xhieda tieghu l-Appellant qal li qabel il-5 t'Ottubru, 2016, kien hemm drabi fejn sarlu tali test izda qatt ma rrizulta li huwa kien taht l-effett ta' l-alkohol waqt il-hin tax-xoghol.

Fl-inkwadratura ta' dawn il-punti t-Tribunal jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

Ghaliex Franco Caruana bhala s-Superjur ta' l-Appellant malli appena (skond hu) rah jikonsma l-alkohol ma ssospendiehx minn xogholu u ra li jittiehdu l-passi necessarji sabiex isirlu *breathalyser test*?

Ghaliex fix-xhieda tieghu Caruana qal li qatt qabel il-5 t'Ottubru, 2016, ma kien irraporta lill-Appellant li kien jikkonsma alkohol waqt il-hin tax-xoghol, mentri skond Simiana s-Site Manager huwa (Caruana) bosta drabi kien irraporta lill-Appellant fuq hekk?

Fl-isfond dikjarat minn membri tal-*Management* li l-kumpanija thaddan '*zero tolerance policy*' fejn jidhol konsum tal-alkohol waqt il-hin tax-xoghol, x'sens ghamel li Franco Caruana ordna lill-Appellant isuq xarabank u jtellghu id-depot wara saghtejn u nofs jixrob il-birra u dan meta kif sostna hu stess li l-Appellant baqa' jixrob il-birra mis-20.00 sa l-22.30.

Dan it-Tribunal sabha ferm difficli jifhem kif fi hdan ta' tali *zero tolerance policy,* u ta' persuna li tkun qieghda tigi mixlija bi *gross misconduct* fuq konsum alkoholiku waqt il-hin tax-xoghol ma tigix sospiza u l-process quddiem Bord ta' Dixxiplina jdum ma jsir sitt gimghat wara l-allegat abbuz. U di piu' l-istess persuna thalliet tahdem b'mod normali ghal gimghatejn ohra wara li l-Bord ta' Dixxiplina wasal ghad-decizjoni tieghu.

Dan it-Tribunal ma setax jifhem ukoll ghaliex il-*Management* qatt ma ta risposta dwar l-appell li kien sar minn Ufficcjal tal-UHM, u fejn skond il-Ftehim Kollettiv ried ikun hemm risposta min-naha tal-*Management* fi zmien 5 ijiem.

Dan it-Tribunal wasal ghal-fehma li l-mod kif il-*Management* tas-socjeta' ntimata mmaniggja s-sitwazzjoni appena nhar il-5 t'Ottubru, 2016, kellu hjiel li l-Appellant seta' kien taht l-influwenza ta' l-alkohol waqt il-qadi ta' dmirijietu kien wiehed nieqes minn passi necessarji li setghu wasslu ghal aktar kjarezza ta' x'verament sehh dakinhar.

Dan it-Tribunal jishaq b'mod ferm li f'amministrazzjoni ta' mizuri ta' dixxiplina fejn jistghu jwasslu ghal tkeccija mill-impjieg, kastig li fil-qasam lavorattiv huwa meqjus bhala l-piena kapitali, huwa mistenni u mehtieg li ssir investigazzjoni serja sabiex jigu stabbiliti l-fatti. Dan sabiex kemm jista' jkun tigi evitata l-posibbilita' li decizjoni daqstant pezanti tittiehed b'mod frivolu.

Dan it-Tribunal mhux ser jidhol fil-mertu dwar jekk il-Bord ta' Dixxiplina mexiex sew jew le sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu, u dan ghaliex gew imressqa quddiem dan it-Tribunal il-provi kollha sabiex isir gudizzju minn dan it-Tribunal indipendentament.

Ghal dan it-Tribunal il-modalita ta' kif gie kondott dan il-kaz min-naha tal-*Management* jaghti bixra ta' kongettura li permezz taghha l-impjieg ta' l-Appellant akkost ta' kollox kellu jigi mitmum.

Dan it-Tribunal itenni kif ghamel fi drabi ohra li filwaqt li jaghraf li *Employer* ghandu s-setgha amministrativi li jtemm l-impjieg ta' xi haddiem minn tieghu, jaghraf ukoll li jekk dan il-pass drastiku ma jkunx sar fi sfond ta' cirkostanzi gusti u ma jkunx sostnut b'fatti konkreti hemm prezz li jkollu jithallas.

L-impjieg huwa istitut sagru u ma jistax jigi kalpestat impunement.

- **Decizjoni**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg da parti tas-socjeta' ntimata ma kinitx wahda gusta. Bhala kumpens qed jigi ffissat l-ammont ta' €6,000 li jrid jigi mhallas fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**